Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Rennie Stivala)

vs

Sergio Agius

Illum 11 ta' Gunju, 2020

Il Qorti

Rat ir-rikors prezentat minn Sergio Agius fit- 30 ta' April 2020, ir-rikorrent talab il-ftuh tar-registru sabiex il-Qorti tiddikjara li l-ordni ta' l-iffrizar relattiva ma ghadhiex in vigore. F'dan ir-rikors spjega li:

*'Illi, kif spjegat aħjar fir-rikors anness mal-preżenti, minkejja li l-kawża fl-ismijiet premessi ġiet definittivament deċiża minn din l-Onorabbli Qorti fis-17 ta' Settembru, 2019, l-esponent, li kellu l-assi kollha tiegħu iffriżati wara ordni ta' l-iffriżar, għadu ma jistax jittrasferixxi u jiddisponi mill-proprjeta' tiegħu b'mod liberu.*

*Illi, partikolarment, l-entita' Transport Malta ma hijiex konvinta illi l-ordni ta' iffriżar relattiva m'għadhiex in vigore, u qed teżiġi ordni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex l-esponent jittrasferixxi mutur proprjeta' tiegħu.*

*Illi l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fil-ġurisdizzjoni kostituzzjonali tagħha, spjegat b'mod kristallin illi:*

> *L-iskop tal-ordni ta' ffriżar mhuwiex li jopprimi l-patrimonju ta' l-persuna akkużata izda li jassikura li sakemm tkun deċiża l-kawża kriminali ma jkunx hemm gwadann illeċitu mill-proventi tar-reati li bihom il-persuna tkun ġiet akkużata.*

*Illi l-fatt illi l-entita' Transport Malta ha hijiex qed thalli lill-esponenti jittrasferixxi u jiddisponi mill-proprjeta' tiegħu b'mod liberu ifisser illi id-drittijiet fundamental tal-esponent qed jiġu vjolati b'mod manifest.*

*Illi, in oltre, fid-dawl taċ-ċirkostanzi soċjo-ekonomiċi preżenti imposti mill-pandemija tal-COVID-19, l-esponent qed jirrikorri għall-bejgħ tal-mutur proprjeta' tiegħu sabiex isib mezz vijabbli, madankollu temporanju, sabiex ikun jista' jkompli jissussisti finanzjarjament.*

*Illi b'riżultat tal-Avviżi Legali numri 61, 65, 66, 97 u 141 tal-2020, ir-Reġistru tal-Qorti huwa magħluq b'mod indefinittiv, senjatament sakemm is-Supretendent tas-Saħħa Pubblika tordna l-ftugħ mill-ġdid ta' l-istess.*

*Illi, minkejja dan, l-Artikolu 3(2) tal-Avviż Legali 61 tal-2020 jistipula illi:*

> *Kull ordni maħruġa skont is-subartikolu (1) ma għandux jippreġudika s-setgħa ta' kwalunkwe qorti li tordna l-ftuħ tar-reġistru tagħha, is-smigħ ta' kwalunkwe każ u kull ħaġa konsegwenzjali u inċidentali għaliha f'każijiet urġenti jew f'każijiet fejn tqis li l-interess pubbliku biex il-każ jinstema' għandu jipprevali, soġġett għal xi arranġamenti speċifiċi għall-ħarsien kontra u, jew għall-kontroll ta' epidemiji perikolużi jew mard infettiv hekk kif il-qorti tista' tiddetermina.*

*Illi, fid-dawl tal-pożizzjoni ta' l-entita' Transport Malta, u fid-dawl tal-eżiġenzi finanzjarji tal-esponent, l-għeluq tar-Reġistru tal-Qorti qed jimpedixxi lill-esponent milli jirrikorri għad-direzzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, liema direzzjoni hija rikjesta b'mod urgenti sabiex id-drittijiet fundamentali ta' l-esponent jiġu protetti.'*

Din il-Qorti fl-istess jum u cioe' fit- 30 ta' April 2020 kienet laqghet it-talba.

Fir-rikors prezentat minn Sergio Agius fl-istess jum u cioe' fit- 30 ta' April 2020, ir-rikorrent talab lil Qorti sabiex tiddikjara li l-ordni ta' l-iffirzar mahrug mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja ma ghadhiex in vigore peress li l-kawza giet definittivament deciza u ppremetta li:

*'Illi l-kawza fl-ismijiet premessi giet definittivament deciza minn din l-Onorabbli Qorti fis-17 ta' Settembru, 2019.*

*Illi fil-bidu ta' din il-kawza, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-vesti taghha ta' qorti istruttorja kienet, fuq talbu tal-prosekuzzjoni, ordnat l-iffrizar ta' l-assi kollha ta' l-esponent. L-avukati sottoskritti huma ta' l-umli fehma li tali ordni baqghet fis-sehh sad-data tas-sentenza finali, u cioe' sas-17 ta' Settembru, 2019, u illum m'ghadhiex in vigore.*

*Illi l-entita' Transport Malta, wara li hadet parir ta' l-Assets Recovery Bureau, l-FIAU u l-Avukat Generali, ma hijiex konvinta minn din il-posizzjoni legali u qed tezigi ordni ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex l-esponent jittrasferixxi mutur proprjeta' tieghu.*

*Illi dan ifisser li 'l fuq minn seba' (7) xhur wara s-sentenza finali, l-esponent ghadu ma jistax jittrasferixxi u jiddispondi mill-proprjeta' tieghu minhabba ordni kawtelatorja mahsuba ghal waqt il-pendenza tal-proceduri kriminali fil-konfront tieghu.'*

Illi fit- 30 ta' April 2020 din il-Qorti ordnat in-notifika tar-rikors lil Avukat Generali b'jumejn zmien ghal risposta;

Illi l-Avukat Generali fil- 5 ta' Mejju 2020 oggezzjona ghat-talba tar-rikorrent u wiegeb kif isegwi:

*'Illi l-esponent ġie notifikat bir-rikors odjern fit-30 ta' April 2020 b'jumejn żmien għad-debita risposta;*

*Illi l-artikolu 5(2)(b) tal-Att kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula s-segwenti:*

*(2) Dak l-ordni għandu -*

*.....*

*(b) jibqa' jseħħ sakemm il-proċedimenti jkunu ġew deċiżi b'mod finali u konklużiv, u* ***fil-każ li persuna tinsab ħatja, sakemm is-sentenza tkun ġiet esegwita.*** *(Sottolinear u enfasi tal-esponent)*

*Illi permezz tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata 3 ta' Diċembru 2018 ir-rikorrent instab ħati u ġie kkundannat, inter alia, "għal piena ta' priġunerija ta' sittax (16)-il xahar iżda, peress illi fil-fehma tal-*

*Qorti fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ jissussistu raġunijiet validi biex it-terminu ta' priġunerija jiġi sospiż bis-saħħa tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li s-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk, matul il-perjodu ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar mil-lum, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija." Din is-sentenza ġiet ikkonfermata kemm fil-ħtija kif ukoll fil-piena mill-Qorti tal-Appell Kriminalii nhar is-17 ta' Settembru 2019 fejn il-perjodu tas-sospensjoni tas-sentenza beda għaddej minn nhar is-17 ta' Settembru 2019;*

*Illi kuntrarjament għal dak ritenut mir-rikorrent fir-rikors promotur, in vista tal-artikolu suċitat, l-ordni tal-iffriżar maħruġa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja għadha in vigore u tibqa' fis-seħħ sakemm is-sentenza mogħtija fil-konfront tar-rikorrent tiġi esegwita, ossia sakemm jgħaddi l-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża;'*

Illi din il-Qorti permezz tad-digriet datat is- 7 ta' Mejju 2010 appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall- 14 ta' Mejju 2020;

Illi rat ir-rikors prezentat minn Sergio Agius fit- 12 ta' Mejju 2020 fejn ippremetta li:

*'Illi l-kawza fl-ismijiet premessi giet definittivament deciza minn din l-Onorabbli Qorti b'sentenza moghtija fis-17 ta' Settembru, 2019.*

*Illi b'dik is-sentenza din il-Qorti kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti ta' gudikatura kriminali moghtija fit-3 ta' Dicembru, 2018 fejn ir-rikorrent kien gie misjub hati ta' l-ewwel u t-tieni imputazzjoni limitatament in kwantu rrenda lilu nnifsu komplici fid-delitt tas-serq aggravat tal-container TEMU 2403485, u gie kkundannt ghall-piena ta' prigunerija ta' sittax (16)-il xahar liema terminu gie sospiz ghal perijodu ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar. Ir-rikorrent gie lliberat mill-imputazzjonijiet konnessi ma' dazji u taxxa fuq il-valur mizjd.*

*Illi huwa fatt inkontesta li l-container TEMU 2403485 gie rritornat wara ftit sieghat.*

*Illi permezz ta' rikors tat-30 ta' April, 2020 l-esponent talab lil din l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet indikati fl-istess rikors, sabiex tiddikjara li l-ordni ta' l-iffrizar mahrug Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti istruttorja ma ghandhiex in vigore peress li l-kawza giet*

*definittivament deciza.*

*Illi permezz ta' risposta tal-5 ta' Mejju, 2020, l-Avukat Generali oggezzjona ghal din it-talba in bazi ghall-fatt li, skond l-artikolu 5(2)(b) tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ordni ta' l-iffrizar ghandu jibqa' fis-sehh sakemm is-sentenza de quo tkun giet esegwita. Skond l-istess Avukat Generali, is-sentenza tigi esegwita meta jiskadi l-perijodu operattiv taghha.*

*Illi jinghad bl-akbar rispett li l-esponent ma jaqbel xejn ma' din is-sottomissjoni in kwantu hija wahda gratuwita li ma sisb ebda sostenn fil-ligi. Imkien fil-ligi ma jinghad li sentenza sospiza titqies li tkun giet ezegwita meta jiskadi l-perijodu operattiv taghha. Meta l-legislatur ried li sentenza sospiza tkun giet esegwita jew skontata, dan qalu espressament. Per ezempju, fis-subarikolu (5A) ta' l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali - disposizzjoni mizjuda permezz ta' l-artikolu 10 ta' l-Att III ta' l-2002 - il-legislatur speciika li, <u>ghall-finijiet ta' l-artikolu 50</u>, u cioe' ghall-finijiex ta' l-effetti tar-recidiva, sentenza sospiza titqies li giet skontata ma' l-iskadenza tal-perijodu operattiv taghha.*

*Illi ma tezisti ebda disposizzjoni simili fir-rigward ta' ordni ta' iffrizar u ghalhekk ma huwiex lecitu, u jinghad li huwa ddirittura oppressiv, li wiehed jinterpreta, minghajr is-sostenn ta' dikjarazzjoni espressa fil-ligi, meta tkun giet esegwita sentenza sospiza. Li kieku l-artikolu 5(2)(b) tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta kellu jigi interpretat bil-mod li qed jinterpretah l-Avukat Generali, dan ikun ifisser li, ghall-finijeit ta' ordni ta' iffrizar, sentenza li tigi sospiza ghal perijodu itwal mis-sentenza innifisha - kif prattikament dejjem isir - tkun ta' detriment ghal min ikun qed jinghata l-fakulta' li ma jmurx dritt il-habs ghall-ghemil tieghu.*

*Illi ma jistax ikun dubju li l-iskop ta' l-ordni ta' l-iffirzar huwa li fl-eventwalita' ta' xi ordni ta' restituzzjoni, kumpens jew xi ordni ohra simili, ma jkunx gew sparpaljati l-assi ta' l-imputat bil-ghan li s-sanzjoni tal-ligi jigi abuzivament evadut. Kif gie spjegat iktar 'il fuq, f'dan il-kaz ma saret ebda tali ordni in kwantu r-rikorrent gie lliberat mir-reati konnessi ma' l-erarju pubbliku u gie kkundannat biss in konnessjoni ma' container li gie ritornat qabel ma biss bdew l-investigazzjonijiet tad-Dwana u tal-Pulizija Ezekuttiva. Proprju ghalhekk l-interpretazzjoni ta' l-Avukat hi lil-ordni ta' l-iffrizar hi mizura mhux biss preventiva izda anke punittiva.*

*Illi fl-eventwaltita' li din l-Onorabbli Qorti ma taqbilx ma dak sottomess, u proprju sabiex*

*f'dawn iz-zminijiet fejn l-access ghall-Qorti ma hijiex daqshekk facli minhabba l-pandemija tal-Covid-19, l-esponent ser jaghmel talba sussidjarja sabiex jinghata l-awtorizzazzjoni jbiegh mutur ta' l-ghamla Yamaha Dragster bin-numru ta' registrazzjoni TAZ- 398.*

*Illi l-esponent jaghmilha cara li din it-talba qed issir minghajr pregudizzju ghas-sottomissjonijiet li saru f'dan ir-rikors.'*

F'dak ir-rikors Sergio Agius talab lil din il-Qorti li fl-eventwalita' biss li tichad it-talba tieghu kif dedotta fir-rikors tat-30 ta' April, 2020, li tiddikjara li l-effetti tal-ordni ta' iffirzar ghandhom jieqfu jew, alternattivament tvarja tali ordni u tawtorizzah ibiegh il-mutur ta' l-ghamla Yamaha Dragster bin-numru ta' registrazzjoni TAZ-398.

Illi din il-Qorti fit- 12 ta' Mejju 2020 wara li rat ir-rikors, ordnat notifika tad-digriet b'24 siegha ghar-risposta.

Illi permezz ta' risposta prezentata mill-Avukat Generali fit- 13 ta' Mejju 2020, l-Avukat Generali wiegeb li:

*'Illi l-esponent ġie notifikat bir-rikors odjern fit-12 ta' Mejju 2020 b'erbgha u għoxrin (24) siegħa żmien għad-debita risposta;*

*Illi primarjament l-esponent jirrileva li huwa jżomm ferm mar-risposta tiegħu ta' nhar il-5 ta' Mejju 2020;*

*Illi f'każ lidina l-Onorabbli jogħġobha tilqa' t-talba alternattiva tar-rikorrent ossia li tawtorizzah ibiegħ il-mutur tal-għamla Yamaha Dragsterr bin-numru ta' reġistrazzjoni TAZ 398 l-esponent huwa tal-umli fehma li dina l-Onorabbli Qorti għandha taħtar persuna kompetenti sabiex jivvaluta l-imsemmi mutur, hekk kif l-imsemmi mutur jinbiegħ ir-rikavat tal-bejgħ jiġi depożitat f'kont bankarju taħt l-awtorita' tal-Qorti liema rikavat jibqa' milqut mill-ordni ta' friżar maħruġa fuq l-assi tar-rikorrent, kif ukoll tiġi ppreżentata fl-atti proċesswali prova dokumentarja tal-imsemmi bejgħ;*

*Dan salv kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi li timponi.'*

Illi fis-seduta tal- 14 ta' Mejju 2020, din il-Qorti semghet l-Avukati jitrattaw it-talbiet maghmulha mir-rikorrent.

Ikkunsidrat;

Illi permezz tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Rennie Stivala) vs SERGIO AGIUS (ID: 232478 M)**' fit- 3 ta' Dicembru 2018, il-Qorti sabet lill-appellant hati ta' uhud mill-imputazzjonijiet migjuba kontrih u illiberatu minn ohrajn u iddeciediet li:

'*tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ta' sittax (16)-il xahar izda, peress illi fil-fehma tal-Qorti fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz jissussistu ragunijiet validi biex it-terminu ta' prigunerija jigi sospiz bis-sahha tal- Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li s-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perjodu ta' erbgha u ghoxrin (24) xahar mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.*'

L-akkuzat bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta gie anke kkundannat ihallas ammont ta' spejjez tal-esperti.

Illi din il-Qorti tal-Appell Kriminali permezz tas-sentenza tas- 17 ta' Settembru 2019 cahdet l-appell u kkonfermat is-sentenza appellata b'dan li l-perjodu tas-sospensjoni tas-sentenza beda ghaddej minn dak in-nhar tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

Illi dak li qieghed jissottometti r-rikorrent fir-rikors tat- 30 ta' April 2020 huwa li l-Ordni tal-Ifrizzar tal-assi tar-rikorrenti ordnata mill-Qorti ma ghadhiex in vigore stante li s-sentenza giet deciza finalment. L-Avukat Generali minn naha l-ohra jissottometti li l-ordni ai termini tal-artikolu 5(2)(b) tal-Att kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta tibqa' fis-sehh sakemm is-sentenza tkun giet esegwita. Illi ghalhekk stante li l-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza ghadu fis-sehh, din l-ordni ghada fis-sehh, liema ordni ma tibqax fis-sehh sakemm jghaddi l-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza. Ir-rikorrent kif inghad aktar kmieni f'dan id-digriet fit- 12 ta' Mejju 2020 ressaq talba alternattiva u cioe' sabiex il-Qorti

tawtorizzah ibiegh mutur.

Illi l-artikolu 5(2)(b) tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li l-ordni:

'*jibqa' jseħħ sakemm il-proċedimenti jkunu ġew deċiżi b'mod finali u konklużiv, u fil-każ li persuna tinsab ħatja, sakemm is-sentenza tkun ġiet esegwita.*'

L-istess subartikolu jinsab fil-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' l-artikolu 22A(2)(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 5(6) tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta umbghad jipprovdi li:

'*Meta dak l-ordni ma jibqax fis-seħħ kif provdut fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (2), d-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi għandu jieħu ħsieb li avviż f'dak is-sens jiġi pubblikat fil-Gazzetta, u għandu jirreġistra fir-Reġistru Pubblikunota li tħassar ir-reġistrazzjoni ta' dak l-ordni.*'

Din il-Qorti trid tistharreg il-legislatur x'ried ifisser bil-kliem '*sakemm is-sentenza tkun ġiet esegwita*'. Ghal dan il-ghan sejra ssir referenza ghal partijiet ohra f'ligijiet ohra li jirrigwardaw l-esekuzzjoni ta' sentenza. F'dan ir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 665 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra li:

'***<u>Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28A</u>*** *u d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi dwar il-ħlas ta' pieni ta' flus, kull deċiżjoni* ***<u>għandha tiġi esegwita minnufih li tingħata.</u>***' (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

L-artikolu 666(1) tal-istess Kodici Kriminali umbghad jipprovdi li:

'*Id-deċiżjonijiet tal-Qorti Kriminali u tal-Qorti tal-Appell Kriminali* ***<u>jiġu esegwiti mill-marixxall jew minn persuna oħra mogħtija s-setgħa</u>*** *għaldaqshekk mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja.*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn dil-Qorti.)

L-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ai fini tal-effett tar-recediva, jipprovdi li persuna tkun '*skontat*' il-piena u mhux li s-sentenza tkun giet '*esegwita*'. Dan l-artikolu jaqra:

'*Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li* ***tkun skontat*** *jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha,tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għaldak id-delitt ieħor.*' (Emfazi u sottolinear mizjud minn dil-Qorti.)

L-artikolu 28A(5A) tal-istess Kapitolu jipprovdi li:

'*Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 28F, il-piena mogħtija f'sentenza sospiża meta dik is-sentenza ma tkunx daħlet fis-seħħ għandha, għall-finijiet tal-artikolu 50, titqies li tkun ġiet skontata mal-iskadenza tal-perjodu operattiv oriġinali msemmi fis-subartikolu (1) jew tal-perjodu operattiv magħmulminfloku kif provdut fl-artikolu 28B(2)(b).*'

L-artikolu 28F tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra li:
'*Meta l-qorti tkun qegħda tittratta ma' ħati dwar reat, li għalih hemm piena ta' priġunerija, li jkun sar fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża, hija għandha tqisu bħala reċidiv fit-tifsir tal-artikolu 49 sabiex tqis il-piena li jkun jistħoqq għal dak ir-reat l-ieħor, iżda l-piena mogħtija fis-sentenza sospiża ma għandhiex titqies għall-finijiet tal-artikolu 50 ħlief jekk dik is-sentenza tkunbdiet isseħħ u sakemm dik il-piena ma tkunx ġiet skontata jew maħfura.*'

L-istess Kapitolu fl-artikolu 28(5) jipprovdi li:

'*Sentenza sospiża li tkun għadha ma bdietx isseħħ għandha titqies għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, ħlief kif provdut fis-subartikolu (1), li hi sentenza li tinfliġġi piena u ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma għandha titqies li tolqot*

*-(a) l-applikabilità ta' xi piena oħra li tista' tingħata, jew xi sospensjoni, taħsir, skwalifika, konfiska, telf jew tneħħija li jistgħu jiġu ordnati, flimkien mal-piena ta'priġunerija hekk sospiża; u*
*(b) il-ħdim tal-artikoli 383, 384, 385, 386, 387 u 533.'*

L-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, Kapitolu 77 tal-Ligijiet ta' Malta tipprovdi fl-artikolu 6 u 7 li:

*'6. Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7, ebda kundanna kontra l-persuna li għaliha jirreferixxi ċertifikat ta' kondotta ma tiġi mniżżla f'dak iċ-ċertifikat wara li jagħlaq iż-żmien imsemmi fit-Tieni Skeda, illi jibda jgħodd mid-data li fiha tkun ġiet* ***skuntata*** *l-piena jew mid-data tal-ħlas tal-multa:*

*Iżda jekk f'dak iż-żmien il-persuna tiġi kkundannata għal delitt ieħor, inkluż sentenza sospiża, kull kundanna jew kundanni preċedenti għal kull delitt ieħor li ma jkunux skuntati skont it-Tieni Skeda, għandhom ikomplu jiġu reġistrati fiċ-Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ skont il-Formola B tal-Ewwel Skeda sal-iskadenza taż-żmien meħtieġ sabiex ma tiġix irreġistrata l-aħħar kundanna:*

*Iżda wkoll jekk iż-żmien sabiex ma tiġix irreġistrata l-aħħar kundanna ikun inqas minn dak ta' xi kundanna preċedenti, allura iż-żmien sabiex ma tiġix irreġistrata l-aħħar kundanna għandu jiġi mtawwal sal-iskadenza ta' dak iż-żmien itwal li fih ma tiġix irreġistrata xi kundanna preċedenti.*

*7. Il-benefiċċju li kundanna ma tiġix irreġistrata, imsemmi fl-artikolu 6, ma jingħatax lill-persuni reċidivi fid-delitt ta' serq, jew ta' frodi jew ta' bejgħ jew traffikar ta' mediċini bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, jew ikunu ġew ikkundannati għad-delitti msemmija fit-Tielet Skeda li hawn ma' din l-Ordinanza.'* (Sottolinear u enfazi mizjuda minn din il-Qorti)

Filwaqt li fl-artikolu 7A tal-istess Ordinanza, jipprovdi li

'*Id-disposizzjonijiet tal-artikoli 6 u 7 japplikaw għal sentenza ta' priġunerija sospiża kif provdut fl-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali, b'dan però illi meta sentenza bħal dik ma tkunx bdiet isseħħ iż-żmien meħtieġ sabiex ma jkunx hemm reġistrazzjoni għandu jiskadi fit-tmiem tal-perijodu operattiv msemmi fl-ordni magħmula taħt is-subartikolu (1) tal-imsemmi artikolu 28A:*
*Iżda fil-każijiet msemmija fl-artikolu 28B(2)(b) tal-Kodiċi Kriminali, iż-żmien sabiex ma jkunx hemm reġistrazzjoni għandu jiskadi fit-tmiem tal-perijodu operattiv varjat li jibda jiddekorri mid-data tal-varjazzjoni ordnata mill-Qorti.*'

Illi ghalhekk jirrizulta li l-legislatur f'xi waqtiet juza l-kelma '*esegwita*' fil-kuntest ta' sentenza u f'waqtiet ohra juza l-kelma '*skontata*' fil-kuntest ta' piena. Din il-Qorti tqis li sabiex piena tkun '*skontata*' ifisser li l-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza jkun ghadda jew li l-perjodu ta' prigunerija effettiva jkun ghadda jew li l-hati jkun hallas il-multa li jkun gie ordnat ihallas. F'dawk is-sitwazzjonijiet, il-hati ikun skonta l-piena. Il-kelma '*esegwita*' minn naha l-ohra tfisser meta sentenza tkun ghaddiet in gudikat u ghalhekk tkun wahda finali bil-konsegwenzi li ggib maghha sentenza finali. Din il-Qorti tqis li l-kelma '*esegwita*' f'l-artikolu 5(2)(b) tal-Kapitolu 373 bil-kliem '*fil-każ li persuna tinsab ħatja, sakemm is-sentenza tkun ġiet esegwita.*', ma tfissirx li l-piena tkun giet skuntata izda li s-sentenza tkun ghaddiet in gudikat. Filfatt dan is-subartikolu ma jitkellimx dwar esekuzzjoni ta' pieni izda ta' esekuzzjoni tas-sentenza. L-ambigwita fl-interpretazzjoni tal-artikolu 5(2)(b) tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta huwa minhabba l-fatt li dan l-artikolu jiprovdi li l-ordni '*jibqa' jseħħ sakemm il-proċedimenti jkunu ġew deċiżi b'mod finali u konklużiv, u fil-każ li persuna tinsab ħatja, sakemm is-sentenza tkun ġiet esegwita.*' Ghalhekk dan is-subartikolu jaghti l-impressjoni li hemm distinzjoni bejn meta procedimenti jkunu gew decizi b'mod finali u konkluziv ghal meta sentenza tkun giet esegwita f'kaz li persuna tkun instabet hatja. Ghalhekk certament li jehtieg li dan is-subartikolu jigi emendat sabiex

jigu evitati interpretazzjonijiet kunfliggenti. Ghal dan il-ghan, din il-Qorti sejra tordna li dan id-digriet jigi notifikat lil Ministru ghall-Gustizzja.

Din il-Qorti trid ghalhekk tqis x'inhu l-iskop ta' Ordni ta' Iffrizar sabiex jigi determinat jekk hemmx il-htiega li dan jibqa' fis-sehh anke fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza. Fis-sentenza citata mill-avukat difensur ta-rikorrenti fl-ismijiet '**Francis Portelli (KI 986249M) Anthony Cassar (KI 45750M) kontra Avukat Generali'**[1], liema sentenza tinsab pendenti s-smiegh tal-appell u liema kawza ghandha mertu differenti minn dak odjern, gie kkunsidrat li:

*'Fis-sentenza li tat fil-5 ta` Ottubru 2018 fil-kawza **George Tabone vs Avukat Generali** il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :–*

*Illi l-imsemmi artiklu (u cioe` Art 1 Prot tal-Konvenzjoni) allura jikkonsisti fi tliet (3) binarji senjatament :*

*1. id-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti ;*

*2. li persuna tista` tigi mcahhda mill-istess possedimenti*

*taghha fl-interess pubbliku u suggetta ghall-kundizzjonijiet li tipprovdi l-ligi ;*

*3. li l-Istat ghandu dritt jikkontrolla l-uzu tal-proprjetà skont l-interess generali, jew biex jiggarantixxi l-hlas ta` taxxi, jew kontribuzzjonijiet, jew pieni.*

… … …

*Illi ghalhekk jigi sottolineat li l-ordni ta` infurzar [recte, iffrizar] li minnu jilmenta r-rikorrenti jirrizulta effettivament kontemplat mil-ligi u l-ghan tieghu hu dak li jissalvagwarda l-interess pubbliku billi ma jippermettix lil min qieghed jiggwadanja tramite l-kommissjoni ta` reati*

*Fil-kaz tal-lum, l-esitu li jista` jkollhom il-proceduri kriminali istitwiti kontra r-rikorrenti*

[1] Deciza mill-Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-15 ta' Lulju, 2019 (Rikors numru: 103/18 JZM)

*ghadu mhux maghruf. Il-fatt li kien hemm dewmien ingustifikat lesiv ghall-jedd tar-rikorrenti ghal smigh xieraq, la jhassar il-bzonn tal-ordni ta` ffrizar ; lanqas ma jnaqqar mil-legittimita` tieghu ; u lanqas ma jirrendi mhux legali l-mizura ut sic.*

*L-iskop tal-ordni ta` ffrizar mhuwiex li jopprimi l-patrimonju ta` l-persuna akkuzata izda li jassikura li* ***sakemm tkun deciza l-kawza kriminali*** *ma jkunx hemm gwadann illecitu mill-proventi tar-reati li bihom il-persuna tkun giet akkuzata.*

*Il-Qorti tkompli ticcita mis-sentenza George Tabone vs Avukat Generali (op. cit.) :*

*Aktar minn hekk, izda, il-Kap. 373 stess jahseb ghal sitwazzjonijiet bhal dawk imsemmija mill-atturi fl-ewwel aggravju taghhom fejn il- persuna akkuzata, soggetta ghall-ordni, tista` ggarrab telf u danni ghax, minhabba l-ordni, tonqos mill-thallas kredituri bona fide. Biex l-akkuzat ma jgarrbx tbatija zejda u li tista` tkun evitata f cirkostanzi bhal dawk, l-art. 5(1) tal-Kap. 373 jipprovdi mhux biss illi l-akkuzat jista` jiehu, mill-beni sekwestrati, sa tlittax-il elf, disa` mija u sitta u sebghin euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€13,976.24) fis- sena – li l-attur Tabone gà qieghed jircievi – izda wkoll illi :*

*… … …*

*il-qorti tista` barra minn dan - (a)tawtorizza l-hlas ta` djun li jkollhom jithallsu mill-akkuzat lil kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u (b) ghal raguni tajba tawtorizza lill-akkuzat biex jittrasferixxi proprjetà mobbli jew immobbli.*

*Din id-disposizzjoni tal-ligi tohloq bilanc bejn l-interess pubbliku li jinholqu mizuri biex, min-naha l-wahda, min ikun hati ta` reat ma jihux beneficcju mill-att ta` delinkwenza, u biex, min-naha l-ohra, il- persuna akkuzata – sa issa meqjusa innocenti – ma ggarbx hsara u tbatija safejn dawn jistghu jigu evitati bla ma jiddghajjef il-ghan li l-ligi trid tilhaq bil-hrug ta` ordni ta` sekwestru.*

*L-atturi ma nqdewx bil-possibilità ta` rimedju li jaghtihom il-proviso ghall-art. 5(1) migjub fuq. B`rikors tas-6 ta` Marzu 2013 talbu t- thassir tal-ordni ghal ragunijiet ohra u mhux ghar-ragunijiet imsemmija fil- proviso. L-ezistenza ta` dan ir-rimedju izda, ghalkemm l-atturi ma nqdewx bih, huwa bizzejjed biex juri illi hemm mekkanizmu fil-Kap. 373 stess biex jintlahaq il-bilanc u l-proporzjon li jridu l-ligijiet li jharsu d-drittijiet fondamentali.*

*... Li qieghda tghid il-qorti hu illi l-hrug tal-ordni li jolqot il-flejjes u l- proprjetà kollha tal-akkuzat ma huwiex mizura sproporzjonata ghax fih innifsu hemm il-mekkanizmu biex l-effetti tal-ordni jkunu arginati biex ma joholqux hsara u tbatija zejda lill-akkuzat, minghajr ma, fl-istess waqt, titnaqqas l-utilità ta` mizura bhal dik fil-glieda kontra d- delinkwenza u kontra l- hasil ta` flus gejjin mid-delinkwenza.'* (Emfazi u sottolinear mizjud minn din il-Qorti.)

Ghalhekk din il-Qorti tqis li fil-mument li sentenza tghaddi in gudikat, Ordni ta' Frizar li hija ta' natura kawtelatroja ma tibqax in vigore sakemm il-Qorti fis-sentenza finali ma tiddeciediex mod iehor. L-iskop ta' ordni ta' ffrizar huwa sabiex jigi assikurat li sakemm tkun deciza l-kawza, ma jkunx hemm gwadann illecitu mill-provenjenza tar-reat li bihom il-persuna tkun giet akkuzata. Ghalhekk x'inhu l-iskop li Ordni ta' Iffrizar tibqa' fis-sehh wara li s-sentenza tkun ghaddiet in gudikat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza? F'dan il-kaz partikolari f'kaz li l-hati jaghmel reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija fi zmien operattiv tas-sentenza, il-perjodu ta' prigunerija effettiva jidhol fis-sehh u l-hati ghalhekk ikollu jiskonta piena ta' prigunerija effettiva. Ghalhekk din il-Qorti ma tqis li hemm raguni ghala Ordni ta' Iffrizar li hija ta' natura kawtelatorja ghandha tibqa' fis-sehh wara li tinghata s-sentenza u matul il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Ghalhekk din il-Qorti qieghda filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba kontenuta fir-rikors tat-12 ta' Mejju 2020, qiegha tilqa' t-talba tar-rikorrent Sergio Agius kontenuta fir-rikors tat- 30 ta' April 2020 u qieghda tiddikjara li l-Ordni tal-Iffrizar mahruga mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-kawza fl-ismijiet premessi nhar it-28 ta' Frar, 2014 ma ghadhiex *in vigore* peress li l-proceduri kriminali huma finali.

Ghal dan il-ghan, din il-Qorti tordna li kopja ta' dan id-digriet jigi notikat lid-Direttur tal-Ufficcju ghall-Irkupru tal-Assi li ghandu jiehu hsieb li jippublika Avviz fil-Gazzetta li l-ordni ma ghadhiex fis-sehh u jirregistra fir-Registru Pubbliku nota li thassar ir-registrazzjoni tal-ordni u dan skont dak li jipprovdi l-artikolu 5(6) tal-

Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Din il-Qorti qieghda tordna li dan id-digriet jigi notifikat lil Ministru tal-Gustizzja sabiex il-legislatur jemenda l-artikolu 5(2)(b) tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta u dan sabiex jigu evitati interpretazzjonijiet konfliggenti.**

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Regsitratur